**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs**

**Omissis**

**Seduta Distrett Valletta**

**Illum 9 ta' Mejju, 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Omissis** detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 66338 (G) billi hija akkuzata talli nhar fl-10 ta' Novembru, 2017 u fix-xhur ta' qabel, ghall-habta ta' 08.15hrs, gewwa l-fond 8, Trejqet l-Imhazen, il-Furjana:

1) Kisret volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

2) Għamlet lil Arthur Curmi u Maria Goretti Curmi inġurji jew theddid, jew jekk kienet ipprovokata, inġurjat b'mod li ħarget barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

3) L-imġieba taghha ikkaġunat lil Arthur Curmi u Maria Goretti Curmi biża' li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjetà taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti,

dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) (Art. 251B, Kap. 9).

4) Talli kisret il-Garanzija li saret b'ordni tal-Qorti f'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Joseph Mifsud LL.D. fis-17 ta' Marzu, 2017.

5) B'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunat hruq jew ghamlet xi hsara jew gharrqet xi haga ghad-dannu tal-familja Curmi, skont ma ccertifika l-perit Matias Camilleri.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni offiżi jew individwi oħra jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużata.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Artikolu 33 tal-Kap 9:
"Kull persuna tkun eżenti minn responsabbiltà kriminali jekk fil-waqt tal-att jew tan-nuqqas -
(a) kienet fi stat ta' ġenn; jew
(b) kienet imġiegħla b'forza barranija li ma setgħatx tirreżisti għaliha."

In segwitu ghax-xiehda moghtija miill-Professur David Mamo li rrelata dwar l-istat mentali taghha b'referenza partikolari ghall-mument tal-kommissjoni tar-reat u l-kundizzjoni taghha llum.

L-espert Professur David Mamo hass li l-kundizzjoni tal-imputata tant kienet serja li ordna li tinzamm ghall-kura l-Isptar Monte Carmeli wara li hi ttiehdet mill-pulizija biex tkun ezaminata mill-espert u dan kif awtorizzat mill-Qorti

Artikolu 2 tal-ATT DWAR IS-SAĦĦA MENTALI [KAP. 525] jiddefenixxi "diżordni mentali" bhala "disfunzjoni mentali jew ta' mġiba sinifikanti, murija b'sinjali u, jew sintomi li jindikaw distorsjoni fil-funzjonament mentali, inkluż disturbi f'xi qasam wieħed jew aktar tal-ħsieb, burdati, rieda, perċezzjoni, fehma, orjentament jew memorja li

jkunu daqstant preżenti hekk li jitqiesu li jkunu patoloġiċi kif klassifikati fi standards mediċi u dijanjostiċi aċċettati internazzjonalment u "mard mentali" għandha tiftiehem b'dan il-mod, u għall-fini għal kull ħaġa li għandha x'taqsam ma' proċedimenti kriminali, għandha tinkludi "ġenn" kif dan jiftiehem għall-fini tal-Kodiċi Kriminali;"

Il-Qorti kkonsidrat ukoll l-Appell Kriminali Numru. 158/2004 Il-Pulizija v. Paul Micallef ... omissis ... tal-20 ta' Lulju, 2005.

Il-Qorti wara li semghet il-provi, kkonsidrat x'tipprovdi l-ligi tiddeciedi li hemm l-estremi biex jigi applikat l-artikolu 33 tal-Kap. 9 u konsegwentement tiddikjara lill-imsemmija Omissis ezenti minn kull responsabbilta` kriminali fil-gurnata u l-hin li twettqu reati akkuzata bihom.

Finalment il-Qorti tordna li isem u kunjom Omissis m'ghandhomx jigu pubblikati f' xi mezz tax-xandir jew tal-istampa.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**